MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1469/2004

**Graziella Rifai**

**vs**

**Patricia Anne Elizabeth Azzopardi**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Lulju 2004 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attrici s-somma ta' erba' mija u sitta u disghin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm496.85) rapprezentanti danni sofferti mill-attrici bhala konsegwenza tal-incident awtomobilistiku li sehh fl-1 ta Settembru 2003 gewwa Triq Fleur de Lys, B'Kara, bejn il-vettura IAO 164 misjuqa mill-konvenuta u l-vettura LAE 472 miajuqa mill-attrici, liema ncident sehh unikament tort tal-konvenuta minhabba

mperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' April 2004 u ta' dik li giet prezentata kontestwalment mal-Avviz kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenuta Elmo Insurance Agency Limited u bl-interessi legali mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali datata April 2004 sad-data tal-hlas effettiv, Ikoll kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuta ghalkemm debitament notifikata naqset milli tidher u milli tipprezenta Risposta.

Sema' x-xhieda tal-attrici li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ghaldaqstant a tenur tal-Artikolu 13(b) tal-Kap. 380 u peress li t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' erba mija u sitta u disghin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm496.85), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------